MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2096/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Tony Bonnici abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Tony Bonnici (570848M)**

**Vs**

**Carmen Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' hames mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm521.89c) rapprezentanti danni sofferti minnhom

b’rizultat ta’ kollizjoni li sehhet fis-sitta u nofs ta’ filghodu gewwa l-Marsa bejn il-karozza LAE 542 misjuqa minn Tony Bonnici u l-karozza CAC 335 misjuqa mill-konvenuta liema ncident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, mperizja u nuqqas tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha eccepiet illi t-talbiet ta’ l-atturi ghandhom jigu michuda ghax l-incident stradali ma sehhx minhabba htijiet imputabbli ghall-konvenuta.

Sema’ x-xhieda ta’ Anthony Bonnici, Luciano Caruana, tal-konvenuta u ta’ Claire Cutajar.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti l-ohra kollha tal-kawza u li fis-seduta tal-25 t’Ottubru, 2004 il-partijiet iddikjaraw li m’ghandhomx aktar provi xi jressqu.

**Ikkunsidra**

Illi dakinhar ta’ l-incident Tony Bonnici, l-attur, kien qed isuq il-vettura LAE 542 f’Regional Road sejjer mid-direzzjoni ta’ l-Universita’ lejn il-Marsa. Huwa kien qed isuq fil-lane ta’ gewwa u kien hemm karozza ohra fil-lane ta’ barra pero’ aktar ‘il quddiem minnu pero’ mhux hafna ‘l quddiem. Hin minnhom huwa osserva li l-karozza l-ohra sswervjat min-naha ghall-ohra u skiddjat u dahlet fil-karozza tieghu. Huwa jghid illi l-hsara fil-karozza tieghu kienet fuq quddiem, fuq il-mudguard, fuq il-bonnet u n-naha tieghu, cjoe’ fuq in-naha tad-driver. Meta ra l-karozza l-ohra tiswervja huwa naqqas l-ispeed pero’ xorta wahda sehhet il-kollizjoni. Wara l-incident kellem lid-driver l-ohra u qaltlu li kien hemm karozza ohra li kienet fis-slow lane, cjoe’ fil-lane ta’ gewwa u harget fl-outer lane u biex hi tevita din il-karozza l-ohra ghafset il-brake, l-karozza taghha skiddjat u ma setghetx tikkontrollaha.

Bonnici mbaghad ighid:

“U b’rizultat t’hekk hi nhasdet, ghafset il-brake u l-vettura taghha skiddjat u li ma setghetx tikkontrolla l-vettura taghha. Hi mbaghad qaltli li ghafset il-brake u tellghet il-

handbrake u mbaghad hbatna.  Id-driver kellha habiba maghha.”

Eventwalment imbaghad sar il-*Front To Rear Form* u billi huwa kien assigurat fully-comprehensive l-assigurazzjoni tieghu, cjoe’ l-kumpanija attrici hallset il-hsarat minbarra l-hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) *excess* li hallas minn butu.

Luciano Caruana li jahdem fil-Claims Department mas-socjeta’ attrici kkonferma li s-socjeta’ attrici hallset is-somma ta’ hames mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm521.86c) li jikkomprendu wkoll wiehed u erbghin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm41.86c) ghall-batterija u loss of use u ghaxar liri Maltin (Lm10) survey fees u esebixxa d-dokumenti relattivi ghall-hsarat.

Il-konvenuta xehdet li dakinhar ta’ l-incident hija kienet qieghda ssuq f’Regional Road sejra mid-direzzjoni ta’ l-Imsida lejn il-Marsa u kienet qed issuq fil-lane ta’ barra. Qabel ma waslet hdejn il-mina ta’ Santa Venera kien hemm vettura wieqfa fil-lane ta’ gewwa u t-traffiku li kien qieghed fil-lane ta’ gewwa kien qed johrog fuq il-lane ta’ barra u hin minnhom harget karozza mill-inner lane ghal quddiemha u hija ghafset il-brake biex iccedi lill-karozza l-ohra.  Meta ghafset il-brake l-karozza taghha skiddjat u dahlet fil-lane ta’ gewwa.  Il-karozza taghha waqfet, hi gholliet il-handbrake u mbaghad giet il-karozza misjuqa minn Bonnici li laqtitha minn wara.

Xehdet ukoll Claire Cutajar li kienet riekba fil-karozza mal-konvenuta.  Hija kkonfermat illi dakinhar ta’ l-incident kienu qieghdin isuqu fl-outer lane u harget karozza mill-inner lane ghal quddiemhom u l-konvenuta ghafset il-brake.  Meta ghafset il-brake l-karozza tal-konvenuta skiddjat u dahlet fil-lane ta’ gewwa u waqfet.  Meta waqfet, il-konvenuta gholliet il-handbrake u sekondi wara saret il-habta.  Kollox sar fi ftit sekondi.  Huma spiccaw wieqfin xi zewg karozzi boghod cjoe’ wara l-karozza pparkjata li kienet wieqfa quddiemhom.  Ziedet tghid li t-triq kienet ftit mxarrba.

Illi sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' l-atturi huma jridu jgibu provi ta' responsabbilta' u traskuragni. In materja ta' skidding it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili (GV) fil-kawza **Joseph Vella Vs Anthony Camilleri et deciza fid-29 ta' Jannar, 1998** fejn intqal hekk:

> Ġie ritenut mill-Qrati tagħna li f'materja ta' *skid* il-*prinċipju regolatur ma jistax ħlief ikun li skid* waħdu *la hu prova* ta' negliġenza u lanqas skriminanti. Hemm bżonn li jiġu ndagat jekk kienx hemm xi negliġenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negliġenza simili tirriżulta, allura hemm ir-responsabbilità nonostante l-*iskid*. Jekk ma tirriżultax, allura l-*iskid* hija difiża għax tkun inċident inevitabbli. Għaldaqstant *biex id-difiża ta' skid* tirnexxi jeħtieġ li **d-*driver* jipprova mhux biss li l-*iskid* kienet dovuta għall-art tiżloq, imma ukoll li l-*iskid* saret bl-*ebda tort tiegħu u li huwa jkun* ħa l-*prekawzjonijiet kollha li* għandu jieħu sewwieq prudenti meta l-art tkun tiżloq (Pulizija *vs* C. Cachia,** Vol. 37, pt. 4, p. 920);

Illi t-Tribunal jidhirlu illi l-partijiet m'humiex qed jikkontestaw il-verzjoni tal-fatti ta' kif sehh l-incident. Sahansitra anki l-istess Tony Bonnici kkorrobora x-xhieda tal-konvenuta. It-Tribunal jidhirlu illi mill-mod ta' kif sehh l-incident ma jistax isib li hemm xi traskuragni, negligenza jew xi mperizja da parti tal-konvenuta. Huwa minnu illi meta parti tallega illi sehhet kollizjoni minhabba skidding l-oneru tal-prova tispetta lilha izda f'dan il-kaz il-partijiet jaqblu illi l-iskidding sar ghaliex vettura harget quddiem il-karozza tal-konvenuta u ghafset il-brake. Hija giet prezentata b'emergenza li b'rizultat taghha kellha taghfas il-brake bilfors. Mhux kontestat li t-triq kienet ftit imxarrba. M'hemm l-ebda allegazzjoni dwar speed.

Fattur iehor ta' relevanza huwa li fil-mument ta' l-impatt il-vettura tal-konvenuta kienet wieqfa. Huwa evidenti li l-attur kien qed jara l-vettura tal-konvenuta l-hin kollu. Jekk hi kellha hin bizzejjed biex tieqaf – bl-iskid b'kollox – daqstant iehor huwa kellu opportunita' li jieqaf. Huwa

jghid li naqqas l-ispeed izda dan ma kienx bizzejjed. Huwa kellu jieqaf specjalment billi *ex admissis* kien induna li l-vettura tal-konvenuta kienet skiddjat.

Ghaldaqstant it-Tribunal jidhirlu li l-kollizjoni certament ma saritx minhabba xi htija mputabbli ghall-konvenuta u l-eccezzjoni taghha ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------